IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel, 06.07.2004
KUMM(2004)457 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

## Dwar it-Trasposizzjoni Legali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2002 li jwaqqaf Eurojust bil-ħsieb li Jirrinforza l-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Serja

{SEC(2004)884}

## 1. INTRODUZZJONI

Skond l-Artikolu 31(2) TUE kif emendat mit-Trattat ta' Nizza, il-Kunsill għandu jinkoraġġixxi kooperazzjoni permezz ta' l-Eurojust, partikolarment billi jiffaċilita koordinazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet prosekuttivi nazzjonali. Eurojust huwa element essenzjali fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja (Artikolu 29 TUE).

Eurojust twaqqaf bħala kostitwent ta' l-Unjoni Ewropea mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2002[1] (minn hawn 'il quddiem: "id-Deċiżjoni ta' l-Eurojust") biex jistimula u jtejjeb il-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali fl-Istati Membri, biex itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u biex isostnu dan ta' l-aħħar.

Id-Deċiżjoni ta' l-Eurojust kif inhi ma timmirax lejn approssimazzjoni ta' liġijiet nazzjonali – mhux bħad-Deċiżjoni kwadru skond l-Artikolu 34(2)(b) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Madankollu, jista' jkun neċessarju għal Stati Membri li jemendaw il-liġi nazzjonali tagħhom biex iġibuha f' konformità mad-Deċiżjoni. Skond l-Artikolu 42 tad-Deċiżjoni ta' l-Eurojust dan irid iseħħ "ma' l-ewwel opportunità u f'kull każ mhux iktar tard mis-6 ta' Settembru 2003".

Kemm il-Kunsill Ewropew kif ukoll il-Kunsill, f'diversi okkażjonijiet, irrepetew ir-rwol importanti li Eurojust jaqdi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Eżempju huwa d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002, li tħares it-terroriżmu nazzjonali korrispondenti għal Eurojust.[2]

Wara l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Marzu 2004 fi Spanja, il-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2004 għal darba oħra wera r-rwol kruċjali ta' Eurojust fid-Dikjarazzjoni tiegħu dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Għiegħel lill-Istati Membri jieħdu kull miżuri li baqa' neċessarji biex jimplimentaw fis-sħiħ id-Deċiżjoni ta' Eurojust sa Ġunju 2004 u sejħilhom "biex jassiguraw li jsir l-aqwa u l-aktar użu effettiv tal-korpi eżistenti ta' l-UE, partikolarment il-Europol u l-Eurojust, biex jippromwovu kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu" u li l-Eurojust "jintuża sal-massimu possibbli" għal dan il-għan.[3] Minn barra l-qasam speċifiku tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-Eurojust hu riżors essenzali għall-applikazzjoni ta' ħafna strumenti ġenerali ta' l-UE dwar kooperazzjoni ġudizzjarja, partikolarment riflessa fl-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni Kwadru dwar id-Digriet ta' Arrest Ewropew.[4]

Jidher minn l-Artikoli 41 u 42 tad-Deċiżjoni ta' Eurojust li m'hemmx regola ġenerali li tapplika għall-Istati Membri kollha li tgħid liema dispożizzjonijiet għandhom jinbidlu bil-leġislazzjoni nazzjonali, b'liema mod u sa liema possibbilità. Hija f'idejn l-Istati Membri li jeżaminaw il-liġi nazzjonali tagħhom biex isibu problemi possibbli ta' applikazzjoni u biex jieħdu l-miżuri neċessarji. Uħud jista' jkollhom bżonn li jaddottaw leġislazzjoni speċifika dwar il-Eurojust, mentri għal oħrajn jista' jkun biżżejjed li jaddattaw ċertu dispożizzjonijiet fil-liġijiet tagħhom dwar kooperazzjoni

1 ĠU L 63, tas-6.3.2002, p. 1.
2 ĠU L 16, tat-22.1.2003, p. 68.
3 Dokument tal-Kunsill 7906/04 JAI 100 eċċ., p. 4 ff., 16.
4 ĠU L 190, tat-18.7.2002, p. 1.

u/jew protezzjoni tad-data, jew tabilħaqq m'għandhomx bżonn li jieħdu xi passi leġislattivi.

Meta ssir l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' l-Eurojust, il-Kunsill assuma li, fi prinċipju, il-miżuri neċessarji għal applikazzjoni sana jkunu meħuda immedjatament. Dan hu ċar mill-kuntest imsemmi hawn fuq, partikolarment mill-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-eventi tal-11 ta' Settembru 2001, li skondhom il-Eurojust irid "isir operattiv mill-bidu ta' l-2002".

Interpretazzjoni bħal din hija ċara mill-kitba ta' l-Artikoli 42 u 41(2) tad-Deċiżjoni: b'mod eċċezzjonali, Artikolu 41(2) ħalla Stati Membri temporanjament jissospendu l-applikazzjoni ta' ċertu dispożizzjonijiet sas-6 ta' Settembru 2003 sa l-aktar tard, billi joħorġu dikjarazzjoni f'każ ta' inkompatibilità bejn il-liġi nazzjonali u d-Deċiżjoni ta' l-Eurojust. Fl-assenza ta' tali dikjarazzjoni, id-Deċiżjoni ta' l-Eurojust għandha tiġi applikata kollha mid-dħul tagħha fis-sistema, i.e. mis-6 ta' Marzu 2002. Wara, Stat Membru li ma ħariġx dikjarazzjoni skond l-Artikolu 41(2) tad-Deċiżjoni, imma xorta waħda żamm id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali inkompatibbli, ikun għamel ksur mid-Deċiżjoni u t-TUE mis-6 ta' Marzu 2002.

Id-dikjarazzjonijiet skond l-Artikolu 41(2) tad-Deċiżjoni ta' l-Eurojust huma, għalhekk, indikazzjoni importanti għall-bżonn ta' Stat Membru biex jaddatta l-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, għalkemm il-fatt li Stat Membru ma ħariġx tali dikjarazzjonijiet ma jippermettix li wieħed jikkonkludi li ma hemmx bżonn ta' miżuri leġislattivi. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha li għandhom bżonn li jġibu l-liġi nazzjonali tagħhom f'konformità mad-Deċiżjoni ta' l-Eurojust ħarġu tali dikjarazzjoni.

## 2. L-ISKOP TAR-RAPPORT U L-METODU TA' EVALWAZZJONI

Għalkemm il-Kummissjoni m'għandhiex għalfejn tippubblika rapport dwar it-Trasposizzjoni tad-Deċiżjoni, iddeċidiet li tagħmel hekk, minn mindu numru konsiderevoli ta' Stati Membri għandhom bżonn jaddattaw dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali u minn mindu l-Eurojust jaqdi rwol importanti ħafna għal ġustizzja kriminali kemm fl-UE u għall-kooperazjoni ġudizzjarja ma' tielet pajjiżi.

F'Ġunju 2003, il-Kummissjoni talbet l-Istati Membri biex jipprovdu l-informazzjoni relevanti. Ittri ta' tfakkira intbagħtu f'Diċembru 2003. Ħafna Stati Membri, għalkemm sfortunatament mhux kollha, irrispondew għal dawk l-ittri. L-evalwazzjoni hija ibbażata l-aktar fuq dawn ir-risposti u fuq id-dikjarazzjonijiet skond l-Artikolu 41(2). Barra dan, il-Kummissjoni ikkunsidrat informazzjoni informali miġbura mill-ministeru ġudizzjarju Taljan, li bagħat kwestjonarju lill-Istati Membri fi proġett iffinanzjat taħt il-programm kwadru ta' l-UE dwar kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'affarijiet kriminali (AGIS).[5]

Għalhekk, il-Kummissjoni tissuponi biss li miżuri leġislattivi huma neċessarji fejn l-awtoritajiet responsabbli ta' Stati Membri iddikjaraw hekk, sakemm hemm indikazzjonijiet ċari għal bżonn bħal dan. Madankollu, leġislazzjoni nazzjonali

[5] Proġett nru 189/2003 ("Poteri tal-Membri Nazzjonali ta' Eurojust ") tal-programm AGIS, li twaqqaf mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22.7.2002, ĠU L 203, ta'l-1.8.2002, p. 5.

(primarja u/jew sekondarja) tista' wkoll tkun mixtieqa fl-interess ta' trasparenza u ċertezza tal-liġi, billi l-Eurojust jista' biss jopera kif suppost jekk ikun hemm kjarezza u regoli mhux ambigwi.

Skond l-informazzjoni disponibbli, tliet Stati Membri (AT, DA, FR) addottaw leġislazzjoni dwar Eurojust wara l-iskadenza tat-terminu perentorju għal transposizzjoni fl-Artikolu 42 tad-Deċiżjoni.[6] Ir-rapport jikkunsidra kull tweġiba ta' Stat Membru jew informazzjoni oħra li tasal għand il-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2004. Madankollu, ir-rapport ma jeżaminax is-sitwazzjoni fl-Istati Membri l-ġodda.

## 3. KONKLUŻJONIJIET

L-istat ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Eurojust m'hux sodisfaċenti. Sa l-aħħar tat-terminu perentorju (Settembru 2003), Stat Membru wieħed biss (PT) għadda l-leġislazzjoni kompluta neċessarja biex taqbel mad-Deċiżjoni ta' l-Eurojust. Għalkemm sa April 2004, tliet Stati Membri oħra addottaw il-liġijiet relevanti (AT, DA, FR), f'ħames Stati Membri ma hemmx leġislazzjoni implimentata kif neċessarja skond il-liġi nazzjonali tagħhom (BE, EL, ES, IT, LU). Almenu f'wieħed minn dawn, lanqas kont governattiv ma kien preżentat lill-Parlament nazzjonali saż-żmien meta sar l-abbozz tar-rapport (Marzu/April 2004). Peress li l-Finlandja implimentat biss parti tad-Deċiżjoni, b'kollox sitt Stati Membri għad għandhom bżonn iġibu l-liġi nazzjonali tagħhom f'konformità mad-Deċiżjoni. Fid-dawl tar-rwol ċentrali u l-importanza għolja ta' l-Eurojust kemm fil-ġlieda kontra t-terroriżmu kif ukoll fil-kooperazjoni fl-affarijiet kriminali ġenerali, u d-dikjarazzjonijiet varji mill-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, dan hu ta' diżappunt.

L-Istati Membri li baqa' ikkonkludew li huma ma kellhomx bżonn jemendaw il-liġi nazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni m'għandhiex raġuni biex tistaqsi dawn il-konklużjonijiet, għalkemm iż-żmien twil li kien hemm bżonn f'uħud mill-Istati Membri biex jeżaminaw il-bżonn għal leġislazzjoni juri li s-sitwazzjoni legali m'hix dejjem kollha ċara. Iktar 'il quddiem, operazzjoni trankwilla ta' l-Eurojust u l-kooperazzjoni tagħha ma' awtoritajiet nazzjonali tista' tkun akkwistata biss bi trasparenza, regoli ċari li jiggarantixxu ċ-ċertezza tal-liġi. Anke fejn leġislazzjoni m'hix indispensabbli, jista' għalhekk ikun preferibbli li jkollok gwida jew ċirkulari li jiċċaraw ċertu kwistjonijiet essenzjali. Madankollu, Stat Membru wieħed biss (SE) ikkomunika lill-Kummisjoni tali azzjoni, digriet mill-Għola Prosekutur Pubbliku. Fuq din il-bażi, huwa diffiċli li tieħu stampa kompluta u tmexxi evalwazzjoni sħiħa. Esperjenza futura trid turi jekk ir-regoli eżistenti fl-Istati Membri humiex suffiċjenti biex jagħtu effett sħiħ lid-Deċiżjoni ta' l-Eurojust u jagħmlu lill-Eurojust għodda effiċjenti u effettiva.

Kwistjoni kruċjali li trid titħares f'aktar dettal fil-futur hija t-tpartit ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-Eurojust. Kif imsemmi hawn fuq, bħalissa mhux għal kollox ċar jekk il-miżuri meħuda mill-Istati Membri sa issa jassiguraw b'mod sħiħ li l-membri nazzjonali ta' l-Eurojust jirċievu l-informazzjoni

6 Sa l-aħħar ta' Marzu 04, il-Germanja infurmat lill-Kummissjoni li arranġament politiku fuq il-liġi nazzjonali tagħha nstab mill-Kumitat Rikonċiljattiv taż-żewġ Partijiet tal-Parlament (ara konferenza stampa nru 52/2004 tal-Bundesrat tal-31.3.2004). Għalhekk, għalkemm il-liġi Ġermaniża ma kenitx għadha addottata formalment sa dak iż-żmien, il-kontenut tagħha jista' jiġi kkunsidrat f'dan ir-rapport.

kollha li hi bżonnjuża biex ikomplu l-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom. Il-proċess ta' informazzjoni għandu jaħdem bil-mod u, f'każi urġenti, b'mod mgħaġġel. Għalhekk, il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni partikolari ta' l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 9(4) and 13(1) tad-Deċiżjoni dwar l-aċċess ta' informazzjoni fuq l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-membri nazzjonali.

Il-Kummissjoni tixtieq ukoll tinkoraġġixxi Stati Membri biex jikkonsultaw fuq il-membri nazzjonali ta' l-Eurojust il-ġudikaturi u/jew poteri investigattivi li huma normalment ikkonsultati dwar prosekutur, ġudikatur jew uffiċjal tal-pulizija ta' kompetenza ekwivalenti taħt il-liġi nazzjonali tagħhom. Għalkemm, l-Artikolu 9(3) juri l-iskop eżatt ta' dawn il-poteri lill-Istati Membri (barra mill-mistoqsija ta' aċċess ta' informazzjoni), huma għandhom ikunu ta' tali natura li l-Eurojust jista' jġorr il-kompiti tiegħu u li l-għanijiet tad-Deċiżjoni jistgħu jkunu sodisfatti. Disparità eċċessiva jew nuqqas ta' konsistenza tal-poteri tal-membri nazzjonali tista' tħassar l-effettività u l-kredibilità ta' l-Eurojust u tfixkel il-kooperazzjoni tiegħu ma' l-awtoritajiet nazzjonali. Għalhekk, aktar attenzjoni għandha tingħata lill-kwistjoni ta' konsistenza u kompatibilità tal-poteri nazzjonali tal-membri.

Mill-1 ta' Mejju 2004, l-Istati Membri ġodda huma wkoll obbligati li jieħdu kull passi neċessarji biex jimplimentaw id-Deċiżjoni ta' l-Eurojust. Il-Kummissjoni tikkunsidra jekk tippubblikax rapport li jkompli li jinkludi l-Istati Membri ġodda fil-ħin mistenni. B'ħarsa 'l quddiem, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri kollha biex jassiguraw trasposizzjoni mgħaġġla u kompluta tad-Deċiżjoni ta' l-Eurojust u jinfumawha b'kull miżuri meħuda, partikolarment dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq.